



**Kumitat Ewropew  
tar-Reġjuni**

**Kuntatt:**

[SupportUkraine@cor.europa.eu](mailto:SupportUkraine@cor.europa.eu)

## **Mistoqsijiet Frekwenti** **Kampijiet ta' attività fis-sajf għat-tfal u ż-żgħażaġh**

### **Min huma l-organizzaturi u lil min għandek tikkuntattja?**

Il-bliet u r-reġjuni fl-Unjoni Ewropea, f'koordinazzjoni mal-Assoċjazzjoni tal-Bliet Ukreni, u f'kollaborazzjoni mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni. Jekk inti ospitant interessat potenzjali, jekk jogħġbok ikkuntattja lil: [SupportUkraine@cor.europa.eu](mailto:SupportUkraine@cor.europa.eu).

### **Min jista' jibbenefika mill-kampijiet ta' attività fis-sajf?**

- Tfal u żgħażaġh fl-iskola primarja u sekondarja (minn 6 sa 17-il sena)
- Indokraturi li jakkumpanjawhom (adult wieħed għal kull 10 itfal)

### **X'inhu l-għan ewlieni tal-kampijiet ta' attività fis-sajf?**

L-idea hija li jinħoloq spazju fejn it-tfal u ż-żgħażaġh jistgħu jħossuhom sikuri u jsibu n-normalità permezz ta' rutina ta' kuljum u attivitajiet ibbilanċjati li jistgħu jikkontribwixxu biex jerġgħu jiksibu l-fiduċja fil-futur u jinsew xi ftit l-esperjenzi trawmatizzanti li esperjenzaw.

### **Dawn il-kampijiet ta' attività fis-sajf kif jistgħu jgħinu lit-tfal u liż-żgħażaġh?**

- Billi jaljenawhom mill-esperjenzi trawmatiċi tal-gwerra
- Billi jitnaqqas il-piż psikoemozzjonali tagħhom
- Billi jiġu pprovduti attivitajiet ta' rikreazzjoni organizzati
- Billi jkollhom skambju kulturali
- Billi tingħata spinta lill-irkupru u t-tkabbir personali tagħhom
- Billi jgħinu jiksibu ħiliet lingwistiċi jew ħiliet oħrajn matul il-vaganzi tal-iskola f'ambjent sikur.

### **Kemm se jdumu l-kampijiet ta' attività fis-sajf?**

It-tul ta' żmien se jiddependi mid-disponibbiltà tal-ospitanti. L-offerti kollha huma milqugħa iżda nirrakkomandaw erba' ġimgħat jew aktar.

### **Liema spejjeż għandhom jiġu koperti mill-awtorità ospitanti?**

L-ispejjeż kollha marbuta mat-tfal u l-indokraturi li jakkumpanjawhom mill-Ukrajna (inklużi vjaġġi potenzjali matul is-soġġorn u l-attivitajiet tagħhom matul il-kamp) iridu jiġu koperti mill-awtorità lokali/reġjonali ospitanti bl-involvement potenzjali ta' msieħba privati lokali.

### **Min se jkopri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar?**

- Barra mill-Ukrajna: l-awtorità lokali/reġjonali ospitanti se torganizza t-trasport tal-grupp ta' tfal/żgħażaġh mill-fruntiera tal-Ukrajna sad-destinazzjoni finali u lura.
- Fl-Ukrajna: l-imisejba Ukreni jkunu responsabbli biex jakkumpanjaw b'mod sikur lit-tfal/liż-żgħażaġh sal-postijiet fil-fruntieri maqbula minn qabel minn fejn għandu jinġabar il-grupp.

### **X'se jiġi pprovdut matul is-soġġorn tat-tfal/iż-żgħażaġh fil-kampijiet?**

L-awtorità lokali/reġjonali ospitanti għandha tipprovdi:

- akkomodazzjoni fi djar ta' alloġġ jew faċilitajiet simili fi gruppi
- 3 sa 4 ikliet kuljum kif ukoll biżżejjed ilma, jew kwalunkwe xarba oħra mhux alkoħolika
- possibbiltà li jikkuntattjaw lil qrabathom regolarment
- assigurazzjoni tas-saħħa matul is-soġġorn tagħhom
- tagħmir ta' appoġġ skont il-ħtiġijiet rispettivi tat-tfal/żgħażaġh u l-attivitajiet ippjanati
- ħwejjeġ, żraben, prodotti tal-iġjene u xugamani.

### **X'tip ta' attivitajiet jistgħu jiġu organizzati fil-kampijiet?**

Sport, teambuilding, loġhob attiv, masterclasses, sessjonijiet ta' taħriġ, klassijiet tal-arti u s-snaġġa', disinn, fotografija, direzzjoni, vjaġġi u żjarat fil-bliet, assistenza psikoloġika organizzata (kwalunkwe kategorija ta' kampijiet eżistenti: sport, lingwa, scouts, kreattività, eċċ.)

### **Liema dokumenti huma meħtieġa?**

Id-dokumenti ġenerali jinkludu:

- passaport (passaport barrani għall-indoktratur li jakkumpanjawhom)
- ċertifikat tat-twelid tat-tfal
- prokura ta' wieħed mill-ġenituri (notarili)
- ordni mill-gvern lokali biex jiġi stabbilit grupp u jiġu ddeterminati dawk responsabbli għat-tfal matul is-soġġorn tagħhom fil-kamp
- ftehim bejn il-parti ospitanti u l-komunità Ukrena.

### **Informazzjoni addizzjonali u stqarrijiet ta' privatezza**

- L-Assoċjazzjoni tal-Bliet Ukreni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet ospitanti Ewropej, għandha tiżgura li d-dokumenti u l-proċeduri amministrattivi kollha meħtieġa għall-vjaġġ, kif ukoll is-soġġorn fl-awtorità ospitanti, jiġu pprovduti b'mod trasparenti, koordinat u f'waqtu.
- L-Assoċjazzjoni tal-Bliet Ukreni tiġbor il-ħtiġijiet ta' kull muniċipalità u tipproċessa l-proposti minn pajjiżi Ewropej. Hija tlaqqa' flimkien muniċipalitajiet barranin speċifiċi li jixtiequ jorganizzaw kampijiet tas-sajf għat-tfal li ġejjin mill-Ukrajna. Hija tagħti struzzjonijiet ċari lis-sindku tal-komunità biex iżomm il-kunfidenzjalità u biex ma jiżvelax informazzjoni dwar id-dettalji tat-tluq tat-tfal.
- Il-parti ospitanti hija responsabbli għas-sigurtà u s-sikurezza tat-tfal waqt li jkunu fil-kamp ospitanti.

### **Aktar tagħrif:**

[SupportUkraine@cor.europa.eu](mailto:SupportUkraine@cor.europa.eu)